MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 920/2006

**Michael Borg**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2006 fejn l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elf tlett mija wiehed u tmenin lira maltija u sittin centezmu (Lm1,381.60) u cioe' ekkwivaleni ghal tliet elef, mitejn Ewro u sbatax-il Ewro (€3,217) bilanc ta' somma akbar prezz ta' appalt principalment konsistenti f'xoghol ta' ilma u elettriku, kif spjegat fid-dokument ipprezentat u mmarkat bhala Dok A esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fi proprjeta ta' Sandro Raniolo.

Bl-ispejjez tal-kawza kif ukoll dawk tal-Ittra Ufficjali tat-2 ta' Ottubru, 2006, dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-kawza kif ukoll bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' Jannar, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Novembru, 2006 fejn il-konvenut eccepixxa li d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi x-xoghol appaltat sar hazin bir-rizultat li arreka danni ghall-proprjetarju tal-fond fejn sar l-istess xoghol, Sandro Raniolo, li minhabba f'dan qed jirrifjuta li jhallas lil konvenut il-bilanc li ghadu dovut lilu, stante li l-istess xoghol kien mghoti mill-esponenti lill-attur fuq subcontract.

Illi bla pregudizzju ghall-premess d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi skond il-kuntratt ta' appalt in kwistjoni redatt min-nutar Carmel Gafa tal-11 ta' Frar, 2003 la darba x-xoghol appaltat ghadu ma giex ikkompletat, l-ammont mitlub fl-avviz mhux dovut.

Fl-4 ta' Mejju, 2007 xehed Joseph Azzopardi l-konvenut u pprezenta wkoll Dok JA 1 li juri kuntratt ta' xoghol ikkommisjonat minn Mr Raniolo u Mrs Pillsbury kif ukoll kuntratt bejn Joseph Azzopardi u Michael Borg ipprezentat a fol 41 tal-process. Joseph Azzopardi fix-xhieda tieghu spjega li Michael Borg kellu jaghmel ix-xoghol ta' dawl u ilma izda fil-basement ma giex komplut. Qal ukoll illi Michael Borg ghamel hsara fil-membrane fis-saqaf meta huwa mar itaqqab biex jghaddi l-pajpijiet. Minhabba f'hekk Sandro Raniolo sofra hsarat peress illi dahal l-ilma. Qal ukoll illi l-perit ta' Sandro Raniolo minkejja li ghadu ma harigx kontijiet, indika l-ispejjez li soffra Raniolo jammontaw ghal tliet elef u hames mitt Lira Maltin (LM3,500) u cioe' ekkwivalenti ghal tmient elef, mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€8,152.81). Huwa qal li ghalkemm Sandro Raniolo ghadu ma pprocediex kontrih, huwa tah x'jifhem li fi hsiebu jmexxi kontrih. In kontroezami qal illi minkejja dan huwa

xorta ma qabbadx perit tieghu izda qaghad fuq il-perit ta’ Sandro Raniolo.

Fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2007 xehed il-perit Michael Trapani Galea prodott mill-konvenuti. Huwa gie inkarigat bhala project manager u designer fuq ix-xoghol ta’ Sandro Raniolo. Dan il-perit kien jahdem ma Architecture Projects liema kumpanija tat ix-xoghol ta’ mechanical u engineering works lil Joseph Azzopardi. Dan ix-xhud qal “Ix-xoghol kollu kien sar u kien sar sew hlief ghal xi tnejn u tlett difetti li huma tas-soltu, l-uniku difetti pjuttost kbir kien dak li kien hemm fuq il-bejt fis-sens li kien lahaq sari l-water proofing u l-membrane u mbaghad Michael Borg l-attur kellu jaghmel xi xogholijiet fuq il-bejt……anzi kien iccejsja fuq il-membrane tal-bejt.” Il-perit spjega illi l-membrane kellu jissewwa wara dan izda ma ssewwiex u meta gie mqieghed it-travertin fuq, tghatta u l-problema harget ma l-ewwel xita f’Settembru. Dan il-perit qal “Meta Michael Borg kien qed jiccejsja ma kontx naf li kien qed jaghmel hekk pero nista nghid illi naf illi bilfors kellu jiccejsja fil-membrane ghaliex kellhom jitqieghdu conduit li gew wara bhala alteration.”

Dan ix-xhud qal illi l-izball ta’ Michael Borg ma kienx li iccejsja izda li ma tkellimnx li kien qatta l-membrane.

Il-Perit spjega li sar xoghol rimedjali u kellhom problema biex idahhlu t-trakkijiet il-Belt. Fiflatt kellu jinqala l-pavimentar u jsir membrane mill-gdid. Il-Perit Trapani Galea qal li ma kienx l-uniku perit involut f’din il-bicca xoghol. Qal ukoll illi jiftakar li meta kellmu lil Michael Borg huwa qal li dan ix-xoghol gie ordnat lilu u l-perit dan jikkonfermah li huwa minnu.

Il-Perit Trapani Galea spjega illi Michael Borg hadem billi l-ewwel hadem fuq il-bejt, imbaghad ghamlu l-membrane u wara Michael Borg rega kellu jahdem fuq il-bejt biex jaghmel xi alteration u dan kollu sar fuq struzzjonijiet tal-periti.Uza l-klime ‘Ovvjament konna nafu li kien ser ikun hemm xi hsarat fil-membrane,’ Meta sar dan ix-xoghol il-project manager kien Rosario Cortis u l-perit Trapani Galea kien involut bhala designer. Huwa qal li Rosario

Cortis qatt ma kellmu fuq il-membrane rovinat. Qal ukoll illi l-patching tal-membrane setghet kienet ‘minor piece of work’ izda peress illi ma saritx qabel il-pavimentar spiccat biex saret a major piece of work.

Il-Perit David Drago li xehed fit-8 ta’ Novembru, 2007 xehed illi huwa jahdem bhala perit mal-Architecuture Projects u kien tqabbad biex jissorvelja x-xogholijiet fil-proprjeta ta’ Sandro Raniolo. Dan il-perit qal li hu kien involut min-naha ta’ design u lill attur qatt ma ltaqa mieghu. Filfatt dan ix-xhud lanqas jaf liema xoghol sar mill-attur u liema sar mill-konvenut. Xehed illi kien fadal xi plakki x’jitghattew li filfatt is-Sur Raniolo xtrahom hu biex ma jkollux x’jaqsam izjed mal-appaltar. Pero l-perit dan ma vverifikahx u qaghad fuq li qallu Sandro Raniolo.

Dan ix-xhud semma wkoll li minkejja li l-hsara ta’ tismir fil-membrane kienet l-ikbar raguni ta’ dhul ta’ ilma din ma kinitx l-uniku raguni li dahal l-ilma izda kien hemm ukoll il-fatt li kien hemm postijiet li l-membrane tqieghed hazin. Kien hemm ukoll saqaf tal-hadid u hgieg li kellu xi problemi. Imbaghad dan ix-xhud ikkorega dak li kien qal billi qal li l-membrane mhux tpogga hazing imma beda jinqala mill-gnubijiet.

It-Tribunal ra t-talba tal-konvenut sabiex jigi kjamat in kawza Sandro Raniolo izda li t-Tribunal diversament presedut cahad it-talba wara li gie trattat dan ir-rikors u saru noti ta’ riferenzi.

Fid-29 ta’ April, 2011 xehed l-attur Michael Borg li spjega kif huwa gie mqabbad minn Joseph Azzopardi l-konvenut bhala subcontractor fil-post ta’ Sandro Raniolo, fil-Belt. Huwa kkonferma l-kuntrattipprezentat a fol 26 et seq u gharaf il-firma tieghu. Huwa qal li x-xoghol mghoti lilu lestih fiz-zmien stipulate u li l-istruzzjonijiet kienu jinghataw mill-perit ta’ Raniolo. Qal ukoll li fiz-zmien li kien qed jahdem hadd ma lmenta mix-xoghol tieghu. Huwa spjega li wara li hareg il-kont finali u ma thallasx, u l-unika raguni li kien tah il-konvenut kienet li l-konvenut stess kien ghadu ma thallasx minghand Sandro Raniolo.

It-Tribunal wara li ezamina x-xhieda prodotti f'dan il-kaz jara illi dan  huwa kaz fejn il-konvenut qed jipprova jevita l-hlas dovut minnuversu l-attur. Principalment dan huwa kaz fejn Sandro Raniolo li huwa sid il-post in kwistjoni qabbad lil Architecture Projects jiehdu hsieb xi xogholijiet fid-dar tieghu. Dawn min-naha taghhom afdaw ix-xoghol f'idejn Joseph Azzopardi li min-naha tieghu ta' subcontracting lil Michael Borg permezz ta' kuntratt. Ghalhekk huwa car illi r-relazzjoni ta' xoghol u hlas ghalih hija bejn Michael Borg u Joseph Azzopardi .

Meta wasal ghal hlas Joseph Azzopardi ma onorax il-ftehim tieghu u gab l-iskuza li x-xoghol kien hazin u arreka hsarat fil-proprjeta ta' Sandro Raniolo. Tant din hija skuza illi mix-xhieda prodotta mill-konvenut stess tghid illi x-xoghol illi ghamel Michael Borg u cioe wara li tqieghed il-membrane kellu jsir minhabba alterations. Il-perit spjega li Michael Borg kien lesta x-xoghol tieghu qabel tqieghed il-membrane u x-xoghol extra kellu jaghmlu minhabba talba ghal alterations.Il-perit qal li l-izball tà Michael Borg ma kienx li ccejsja fil-membrane imma li tkellimx. Mentri fl-istess xhieda tieghu jghid illi huma kienu jafu li kienet ser issir hsara fil-membrane. Allura kellu jfakkarhom Michael Borg biex jirrangaw il-membrane qabel isir il-pavimentar tat-travertine!

Xhud iehor kien il-perit Drago li qal li kien problem ohra fil-membrane minbarra l-hsara li kien ghamel Michael Borg, liema hsara kienet fis-saqaf tal-hadid u hgieg li setgha kkaguna ingess tà ilma wkoll.

Dan it-Tribunal ihoss illi l-konvenut bix-xhieda tieghu ipprova l-kaz tal-attur li l-hsarat li sehhew qatt ma setghu jigu attribwiti lil Michael Borg meta huwa kien qed jahdem taht struzzjonijiet li kienu qed jghatuh il-periti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-kaz, tax-xhieda prodotti u tad-dokumenti pprezentati jaqta u jiddecidi illi t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvat u ghalhekk jikkundanna l-konvenut hallas lil attur is-somma tà tlett elef mitejn u sbatax–il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3,217) ekwivalenti ghat-talba originali tal-attur

ghas-somma tà elf tlett mija u wiehed u tmenin lira maltija u sittin centezmu (Lm1,381.60)

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjez tal-Ittra Ufficjali tat-2 tà Ottubru, 2006 u dawk tal-mandat tà sekwestru pprezentat kontestwalment mal-kawza.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------